

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal de Justiça (il-Portugall)
fil-31 ta' Diċembru 2020 – RTL Television GmbH vs Grupo Pestana S.G.P.S., S.A., SALVOR –
Sociedade de Investimento Hoteleiro, S.A.**

(Kawża C-716/20)

(2021/C 110/24)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Supremo Tribunal de Justiça

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: RTL Television GmbH

Konvenuti: Grupo Pestana S.G.P.S., S.A., SALVOR – Sociedade de Investimento Hoteleiro, S.A.

Domandi preliminari

- 1) Il-kunċett ta' "trażmissjoni mill-ġdid bil-cable" previst fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE⁽¹⁾ tas-27 ta' Settembru 1993 dwar il-kordinazzjoni ta' ċerti regoli dwar id-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati ma' drittijiet ta' l-awtur applikabbli għal xandir bis-satellita u ritrasmissjoni bil-cable, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jinkludix biss it-trażmissjoni simultanja minn organu ta' xandir ta' trażmissjoni ta' organu ta' xandir ieħor, bħal ma hi d-distribuzzjoni lill-pubbliku, ipproċessata b'mod simultanju u integrali bil-cable, ta' trażmissjoni primarja ta' programmi tat-televiżjoni jew tar-radju intiżi għar-riċezzjoni mill-pubbliku (indipendentement minn jekk min huwa responsabbli għal din id-distribuzzjoni lill-pubbliku huwiex, jew le, organu ta' xandir)?
- 2) Id-distribuzzjoni, b'mod simultanju, tal-programmi ta' stazzjon televiżiv, imxandra permezz tas-satellita, għad-diversi apparati tat-televiżjoni installati fil-kmamar tal-lukandi permezz tal-cable koassjali, tikkostitwixxi trażmissjoni mill-ġdid ta' dawn il-programmi li tagħmel parti mill-kunċett iddikjarat fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 93/83?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 134.

**Appell ippreżentat fis-7 ta' Jannar 2021 mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja mis-sentenza mogħtija
mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fit-28 ta' Ottubru 2020 fil-Kawża T-594/18, Pharma Mar vs
Il-Kummissjoni**

(Kawża C-6/21 P)

(2021/C 110/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: S. Heimerl, J. Möller, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: Pharma Mar, SA, Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-28 ta' Ottubru 2020 fil-Kawża T-594/18, Pharma Mar vs Il-Kummissjoni;

- tikkonferma d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2018) 4831 finali tas-17 ta' Lulju 2018 li tirrifjuta l-awtorizzazzjoni taħt ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 ⁽¹⁾ għat-tqegħid fis-suq tal-prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem "Aplidin – plitidepsin" u tiċħad ir-rikors;
- sussidjarjament, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali; u
- tikkundanna lir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali għall-ispejjeż tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti tqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, l-ewwel nett, bl-interpretazzjoni żbaljata u bl-applikazzjoni żbaljata tat-Taqsima 3.2.2. tal-politika tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) dwar it-trattament ta' interessi li jikkompetu ma' xulxin tas-6 ta' Ottubru 2016 ⁽²⁾ (iktar 'il quddiem il-"politika tal-EMA"). B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha b'mod żbaljat fuq is-suppożizzjoni li l-isptar tal-università fejn kienu impjegati ż-żewġ esperti kien kumpannija farmaċewtika fis-sens tat-Taqsima 3.2.2. tal-politika tal-EMA.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali evalwat b'mod żbaljat it-tqassim tal-oneru tal-prova. B'mod partikolari, huwa żball li jiġi preżunt li kienet il-Kummissjoni li kellha tipproduċi l-prova li ċ-ċentru tat-terapija taċ-ċelloli huwa entità separata fi ħdan l-isptar tal-università, u għalhekk li ma huwiex taħt il-kontroll tiegħu, sabiex jitneħħa d-dubju li nħoloq b'dan il-mod. Minflok, hija r-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali li kellha tipproduċi l-prova li ċ-ċentru tat-terapija taċ-ċelloli huwa fil-fatt taħt il-kontroll tal-isptar tal-università.

It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi bl-interpretazzjoni żbaljata u bl-applikazzjoni żbaljata tat-Taqsima 4.2.1.2. tal-politika tal-EMA dwar l-hekk imsejħa prodotti rivali. Minn naħa, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi bit-teħid inkonsiderazzjoni tal-attivitàjiet tat-tieni espert fir-rigward ta' ċerti prodotti rivali u, min-naħa l-oħra, ikkonkludiet b'mod żbaljat, fil-kuntest tal-evalwazzjoni żbaljata tal-prova, li jeżistu biss ftit, jekk xejn, prodotti mediċinali alternattivi fis-suq għat-trattament tal-majeloma multipla.

Ir-raba' nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta naqset milli tirrikonoxxi li l-parteċipazzjoni tat-tieni espert fil-Grupp Konsultattiv Xjentifiku għall-Onkoloġija ma kellhiex impatt deċiżiv fuq l-iżvolġiment jew l-eżitu tal-proċedura.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 34, p. 229).

⁽²⁾ Il-politika dwar it-trattament ta' interessi li jikkompetu ma' xulxin tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) tas-6 ta' Ottubru 2016, EMA/626261/2014, Rev. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fit-18 ta' Jannar 2021 – Istituto nazionale per l'assicurazione contro gli infortuni sul lavoro (INAIL), Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS) vs Ryanair DAC

(Kawża C-33/21)

(2021/C 110/26)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Corte suprema di cassazione

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Istituto nazionale per l'assicurazione contro gli infortuni sul lavoro (INAIL), Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS)

Konvenut: Ryanair DAC